THE MALTAVERIANS

# KONNESSJONI INKREDIBBLI TAL-IMĦUĦ

Ħarġa 2



**Ħarġa 2**
*KONNESSJONI INKREDIBBLI TAL-IMĦUĦ*

**Maħluq minn**
Robert Caruana (artist) u Martin G. Debattista (awtur)

arthouse
DESIGN STUDIO

**Editur**
Trevor Sammut

**Qari tal-provi**
Christopher Giordano

**Pubblikatur**
Malta Digital Innovation Authority (MDIA)
f'kollaborazzjoni ma' Tech.mt u eSkills Malta Foundation

**Stampat Malta (UE)**
Print It Ltd

**ISBN stampat**
978-9918-0-0526-0

**ISBN PDF (diġitali)**
978-9918-0-0527-7

Copyright © 2023 Robert Caruana u Martin G. Debattista

**Kull dritt miżmum**

L-istorja u l-ismijiet, il-karattri u l-inċidenti kollha li jidhru f'din il-pubblikazzjoni huma fittizji. Kwalunkwe xebh ma' persuni veri (ħajjin jew mejtin) mhuwiex intenzjonat u huwa biss kumbinazzjoni.

Din il-pubblikazzjoni hija intenzjonata għal udjenza minn 11-il sena 'l fuq.

Ingħatat kull attenzjoni possibbli biex ikun assigurat li l-kontenut kollu ta' dan il-komik ikun korrett u aġġornat sad-data tal-pubblikazzjoni. Il-produzzjoni saret b'reqqa kbira u l-pubblikatur ma jassumi l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe żbalji li setgħu ttieħdu.

**Kuntatt**
MDIA
Twenty20 Business Centre, Triq l-Intornjatur, Zona 3,
Central Business District, Birkirkara, CBD 3050
Malta

Email: info@mdia.gov.mt
Telefown: +356 2182 8800

**Din il-pubblikazzjoni qed titqassam b'xejn u mhijiex għall-bejgħ.**

maltaverians.mt

Il-proġett tal-pubblikazzjoni ta' serje ta' komiks bit-tema tat-teknoloġija tal-innovazzjoni diġitali għandu l-għan li jenfasizza l-importanza li nespandu l-għarfien tal-adolexxenti f'dan il-qasam li qed jevolvi ta' kuljum. Dawn il-komiks huma maħsuba li jitqassmu lill-istudenti li jistudjaw il-Computing u l-IT, biex jissaħħaħ l-għarfien tagħhom tat-teknoloġija l-iktar riċenti u jservuhom ukoll ta' gwida fil-karrieri futuri tagħhom. Din l-istorja hija disponibbli wkoll online b'format diġitali. Permezz tal-viżwal interattiv u l-istejjer infushom il-komiks għandhom iqanqlu l-interess tal-qarrejja żgħażagħ u jgħinuhom jifhmu aħjar il-mezzi teknoloġiċi innovattivi li qed ifasslu d-dinja tal-lum. Barra minn hekk, il-glossarju inkluż fil-pubblikazzjoni għandu jiċċara t-termini u l-kunċetti tat-teknoloġija, sabiex il-materjal ikun iktar aċċessibbli u informattiv.

# THE MALTAVERIANS





**Isimha veru:**
Elisa Bonello

**Kwalitajiet fil-karattru:**
Pożittiva, empatika, enerġetika

**Kwalitajiet fil-personalità:**
Fuq tagħha, minn tagħna

**Il-laqam fid-dinja virtwali:**
Bella Bit

**It-tifsira tal-laqam:**
Sabiħa + l-iżgħar qies tad-data

**In-nazzjonalità:**
Maltija

**L-età:**
23

**Ix-xogħol:**
Għalliema tal-Computer Studies fi skola sekondarja

**L-ikbar alleati:**
Jake Spark (ħabib), il-pulizija, ċittadini responsabbli

**L-ikbar għedewwa:**
kriminali tal-kompjuter (speċjalment il-bullies u l-ħallelin)

**Ħiliet speċjali:**
Il-vista diġitali: tara kif jaħdmu minn ġewwa t-teknoloġiji diġitali, bħall-ebda uman ieħor

**Qawwiet speċjali:**
Vjaġġatriċi prima fir-realtà virtwali, moħħha hemm bħal Sherlock Holmes, ħiliet virtwali fl-arti marzjali, akkanita ħafna għal-logħob tal-kompjuter

**Qawwiet oħra:**
Kapaċi tgħallem lit-tfal b'mod li jieħdu gost

**Ismu veru:**
Jake Spiteri

**Kwalitajiet fil-karattru:**
Intelliġenti, passjonali, leali

**Kwalitajiet fil-personalità:**
Mistħi, riservat

**Il-laqam fid-dinja virtwali:**
Jake Spark

**It-tifsira tal-laqam:**
Jake + moħħ intelliġenti + żgħir imma ħeġġuż

**In-nazzjonalità:**
Maltija

**L-età:**
22½

**Ix-xogħol:**
IT manager f'lukanda lokali

**L-ikbar alleati:**
Bella Bit, il-pulizija, ċittadini responsabbli, apparat sikur tal-kompjuter

**L-ikbar għedewwa:**
Phishers, hackers, spammers eċċ.

**Ħiliet speċjali:**
Jikkomunika mat-teknoloġija – b'xi mod jidher li teknoloġija li m'għandhiex ħajja tifhem x'għandu bżonn u xi jrid

**Qawwiet speċjali:**
Xejn (bħalissa)

**Qawwiet oħra:**
Jipprogramma s-software bl-ikbar faċilità



**Ismu veru:**
Klein Artificial Intelligence (KAI)

**Tip ta' Intelliġenza Artifiċjali:**
Large Language Model (LLM)

**Data tat-tnedija:**
1 ta' Ġunju 2023

**Sid/programmatur:**
Klein Hotel – Jake Spiteri

**Hosting:**
Malta

**Aċċess:**
Limitat għal Bella Bit, Jake Spark u Klein Hotel. Iħobb jieħu l-forma ta' kelb.


Action Mask Model and Registering RL Environment:
OWKEJ, GIRLS! ISSA LI TAFU X'INHUMA MICROCONTROLLERS U SYSTEM-ON-A-CHIP, PINĠU SMARTHOME SEMPLIĊI BBAŻATA FUQ IS-SISTEMA TAD-DAR TAGĦKOM, LI TINKLUDI WKOLL L-APPARAT PERSONALI TAGĦKOM.
AĦDMU GĦAL RASKOM!
HMMM!!!
KLIKK!!
KLIKK!!
KLIKK!!
FTAKRU, MA RRIDX NARA BISS APPARAT U MATERJAL IEĦOR...
... TRIDU TKUNU ĊERTI LI TISTGĦU TIKKONTROLLAWHOM B'MOD SIGUR MIN-NETWORK, GĦAX DAN HUWA PROĠETT TAL-INTERNET OF THINGS. TRIDU ŻŻOMMU FRISKI FIS-SAJF U SĦAN FIX-XITWA, MHUX BIL-KONTRA!
HMMM... LE, KYRA, L-AIR CONDITIONER MHUX BĦALL-FRIĠĠ, U L-MOWBAJL QATT MA JISTA' JIKKONTROLLA L-A/C UNIT B'DAK IL-MOD.

## AKTAR TARD FIL-KAMRA TAL-GĦALLIEMA







WARA L-VAGANZI F'NOFS IT-TERM F'NOVEMBRU
DAWN IL-VAGANZI TAL-MIRAKLI, MILLI JIDHER!
MINN QATTA SILLA GĦAL STILLA LI TIBBRILLA FI ŻMIEN FTIT ĠIMGĦAT!
B'MIN QED TISTAGĦĠEB? DIK L-ISTUDENTA TAL-GĦEĠUBIJIET!
DIK? KYRA?
TJIEBET ĦAFNA FL-ORTOGRAFIJA.
IJA, INDUNAJT. FIL-MATEMATIKA KOLLOX PERFETT QED TAGĦMEL.
KIF? M'INIEX NIFHEM!
JAQAW QED TITKELLMU DWAR KYRA TAL-KLASSI 3W?
MA NISTAX NIFHEM DIN IL-BIDLA MIL-LUM GĦAL GĦADA. DIN TIĠRI TA' SPISS FL-ISTUDENTI?


FTIT ĠRANET QABEL IL-MILIED
MELA, ISIMGĦUNI FTIT, SER IKOLLKOM ĦIN TIPPREPARAW GĦALL-KUNĊERT TAL-MILIED.
KUNU ĊERTI LI TUŻAW TAJJEB IŻ-ŻMIEN TAL-VAGANZI TAL-MILIED U PPREPARAW SEW GĦAT-TEST TA' JANNAR, GĦAL META NIDĦLU LURA.
IRRIDKOM IĠĠIBU MARKI TAJBIN.
FIR-RESTORANT TA' KLEIN HOTEL. JAKE JISPJEGA L-IKTAR PROĠETTI RIĊENTI TIEGĦU
FL-AĦĦAR IRNEXXIELNA NILTAQGĦU. ILI MA NARAK WIĊĊ IMB WIĊĊ MIS-SAJF!
NITĦABTU MAL-MEWĠ KIF NISTGĦU. IMMA VERA KUNTENTA B'DIN IL-KARRIERA.
XOGĦOL TA' SODISFAZZJON TARA L-ISTUDENTI SEJRIN TAJJEB FL-ISTEM. GĦANDI STUDENTA PARTIKOLARI LI MA SETGĦETX TAQBAD ART F'OTTUBRU IMMA ISSA QED TIBBRILLA. EMMINNI, QATT MA STENNEJTHA.
HMMM... QED NISMA' ĦAFNA STEJJER SIMILI, DAN L-AĦĦAR, DWAR STUDENTI LI JURU TITJIB MIL-LUM GĦAL GĦADA. U L-FATTUR KOMUNI KIEN IĊ-CHATGPT.
IVA, DAK L-AI SAR POPOLARI MADWAR ID-DINJA F'KEMM ILI NGĦIDLEK. LI JIEN MINNEK, NIĊĊEKKJA FTIT!


LURA FIL-KAMRA TAL-GĦALLIEMA WARA L-VAGANZI TAL-MILIED
DEJJEM MA NIFLAĦX ID-DAR; QATTAJT IL-VAGANZI FIS-SODDA.
ILLALLU KEMM KILT! ISSA ĦA JKOLLI NPATTILU. NORQOD IL-GYM, L-AĦJAR!
JIEN IDDEDIKAJT FTIT ĦIN BIEX NAĦSEB DWAR DIK L-ISTUDENTA LI BBRILLAT F'ĦAKKA T'GĦAJN..
GĦANDI SUSPETT ILLI QED TUŻA L-AI BIEX TAGĦMEL IX-XOGĦOL TAD-DAR.
QED TIRREFERI GĦAL DIK LI L-ĦIN KOLLU JSEMMU FUQ L-AĦBARIJIET U HEKK?
IVA, JISTA' JKUN. HEMM DIVERSI X'TISTA' TUŻA, BĦAL GOOGLE BARD, CHATGPT, CLAUDE U OĦRAJN, U L-ĦIN KOLLU JOĦORĠU L-ĠODDA. EJJEW, ĦA NURIKOM.
L-GĦALLIEMA BDEW IĦOKKU RASHOM U BAQGĦU MBELLĦA KIF IĊ-CHATGPT JISTA' JAGĦMILLEK IX-XOGĦOL LI GĦANDEK BŻONN.


LURA FIL-KLASSI WARA L-VAGANZI TAL-MILIED
OWKEJ, GIRLS, NISPERA LI STUDJAJTU MQAR TIKKA WARA L-VAGANZI.
IT-TEST QIEGĦED FUQ L-ISCREEN TAGĦKOM.
MELA, IKTBU CODE BIEX ITTEJBU L-INTERFACE TA' HOTEL RESERVATION SYSTEM.
IDĦLU FIS-SISTEMA BIL-KREDENZJALI TAGĦKOM, BĦAS-SOLTU.
EE, BILĦAQQ, L-INTERNET MITFI. TISTGĦU TUŻAW BISS IR-RIŻORSI LI POĠĠEJTILKOM FIL-KOMPJUTER. SIEGĦA MINN ISSA!
MOĦĦKOM HEMM!
AKTAR TARD!
QBADTEK!!!
KELLU RAĠUN JAKE!
MINGĦAJR L-GĦAJNUNA TAĊ-CHATGPT FROĠA GĦAMILT, GĦAŻIŻA KYRA!

L-GĦADA FIL-KLASSI







KYRA, X'ĠARA? ISSORPRENDEJTNI KIF MA ĠIBTX MARKA TAJBA.
IPPRETENDEJT LI SE ĠĠIB KOLLOX TAJJEB! XOGĦLOK DEJJEM IMPEKKABBLI KIEN QABEL IL-VAGANZI!
X'ĠARA?
MISS, IL-VERITÀ HI...
LI SRAQT IL-MATERJAL FIX-XOGĦOL LI KONT ITTINA GĦAD-DAR.
MA RIDTX LI NIĠI BBULJATA FUQ IL-MEZZI SOĊJALI BĦAL MELISSA MINĦABBA XOGĦOL ĦAŻIN... TAF X'PIKA HEMM BEJN L-ISTUDENTI FIL-KLASSI TIEGĦEK TAL-COMPUTER STUDIES.
VERA? MA KONTX NAF!
IMMA LI TQARRAQ MHIX IS-SOLUZZJONI. TAF LI JIEN DEJJEM HAWN BIEX NGĦINKOM, LILEK U 'L MELISSA. GĦIDLI X'ĠARA... GĦIDLI U TAĦBI XEJN.
TAF LI TISTA' TAFDA FIJA! JIEN KONT STUDENTA BĦALEK, TA, SA FTIT TAŻ-ŻMIEN ILU. JEKK TAĦDEM KIF NGĦIDLEK JIEN, ŻGUR TIRNEXXI!
IVA, MS BONELLO, IMMA MELISSA VERA TISTUDJA U XORTA BAQGĦET KIF KIENET.
KULL DARBA LI TGĦADDILNA R-RIMARKI, MELISSA TISPIĊĊA ŻUFFJETTATA MINĦABBA L-MARKI LI ĠĠIB.
TAF X'JGĦAJRUĦA? GĦAL DAWK IL-KESĦIN QED NIRREFERI!
"CLUELESS-ISSA"!
ILLALLU, MA KONTX NAF! VERA MHUX SEW!
JIĠIFIERI ANKE INT SKOPREJT IĊ-CHATGPT U L-MERAVILJI LI JAGĦMILLEK?
MA RRIDX LI JWAQQGĦUNI GĦAĊ-ĊAJT BĦALHA FUQ IL-MEZZI SOĊJALI U L-ISKOLA. IVA, SKOPREJT L-AI U BDEJT NUŻAH BIEX JAGĦTINI L-CODE LEST GĦALL-ASSIGNMENTS.
LE, MISS, HUWA AI DIFFERENTI, ĦAFNA AKTAR B'SAĦĦTU MIĊ-CHATGPT. ITTIH XI TTIH DEJJEM ITIK RISPOSTA.
TAF INT, XI KULTANT IĊ-CHATGPT JGĦIDLEK LI MA JISTAX ITIK RISPOSTA GĦAX IMUR KONTRA R-REGOLAMENTI TIEGĦU STESS U HEKK.
DAN MA JOQGĦODX JIĠI BIL-MERAQ.
X'JISMU DAN L-AI, MELA? X'INHU L-URL?


JISMU ANAR-KEY. SIBTU B'KUMBINAZZJONI GĦAX DEJQUNI L-LIMITAZZJONIJIET TAĊ-CHATGPT. IL-CODE LI ĠĠENERA MHUX BISS KIEN PERFETT IMMA TANI WKOLL INTERFACE BELLEZZA!
EEEE, MELA ISSA NAF MINN FEJN ĠEJJIN IL-KAPAĊITAJIET TIEGĦEK FL-IDDISINJAR TAS-SISTEMI.
NITOLBOK, MISS, NAF LI M'GĦAMILTX SEW. ĦASSEJT LI KIENET QED JGĦINNI, AVOLJA NAF LI XORTA KONT QED INQARRAQ.
DIK TISSEJJAĦ KUXJENZA, SABIĦA...
IVA, MISS, IMMA GĦALL-INQAS MA STAQSEJTX LIL ANAR-KEY BIEX JIKTEB POEŻIJI FUQ L-ISTUDENTI BIEX INWAQQAGĦHOM GĦAŻ-ŻUFFJETT, BĦALMA GĦAMEL ĦADDIEĦOR!
M'INIEX DAQSHEKK ĦADRA! IFHEM, MISS,
JIEN... JIEN...
KYRA, QED NIFHMEK! DIN ESPERJENZA LI SE TITGĦALLEM ĦAFNA MINNHA.
AĦNA QEGĦDIN HAWN BIEX NGĦINUKOM, MHUX BISS FIS-SUĠĠETTI AKKADEMIĊI IŻDA BIEX ISSIRU ĊITTADINI TAJBIN.
SE NIEĦU ĦSIEBHA, DIN IL-BIĊĊA XOGĦOL TIEGĦEK U TA' MELISSA.
HEMM AKTAR LI QED JIĠU BBULJATI ONLINE, MISS, IMMA JIBŻGĦU JITKELLMU.
LE, TGĦIDLIX... IS-SITWAZZJONI IKTAR GRAVI MILLI ĦSIBT!
ĦA NIBQA' SEJRA DRITT INKELLEM LIS-SURMAST. KYRA, DAN KOLLU LI GĦEDNA ŻOMMU BEJNIETNA.
FTEHEMNA?
IVA, MISS!


IS-SURMAST ILAQQA' L-GĦALLIEMA KOLLHA
SEJJAĦT DIN IL-LAQGĦA BIEX INKELLIMKOM FUQ SITWAZZJONI DELIKATA LI TRID TIĠI INDIRIZZATA MINNUFIH.
MS BONELLO QALTLI LI HAWN STUDENTI VITTMI TA' BBULJAR FUQ L-INTERNET U QALTLI WKOLL LI DAN L-AI QED JIĠI UŻAT B'MOD ABBUŻIV.
JEKK TILTAQGĦU MA' INĊIDENTI SIMILI, IRRAPPURTAW GĦANDI IMMEDJATAMENT.
DIN KWISTJONI SERJA ĦAFNA.
MS BONELLO SE TINVESTIGA L-INFORMAZZJONI LI TGĦADDULI B'KUNFIDENZJALITÀ ASSOLUTA.
NOQOGĦDU ATTENTI, NIES!
DAK KOLLOX. GRAZZI!
HELLO, JAKE, KELLEK RAĠUN! DIK L-ISTUDENTA LI TKELLIMNA FUQHA FIR-RESTORANT ABBUŻAT MILL-AI, PERÒ B'XI ĦAĠA OĦRA LI MHIX IT-TIP TAĊ-CHATGPT.
APPARENTEMENT HIJA XI ĦAĠA KOMPLETAMENT DIFFERENTI. AĦJAR NAGĦTU DAQQA T'GĦAJN.
ĦEJ, BELLA, DEJJEM TRID KOLLOX BL-IMGĦARFA! ĦAĦA... APPARTI Ċ-ĊAJT, ONESTAMENT BQAJT NĦEWDEN FUQ LI GĦEDTLI U NAĦSEB LI GĦANDI L-GĦODDA ADDATTATA GĦAL DIN IL-BIĊĊA XOGĦOL.
GĦAX QED INXOMM LI ĠEJJA AVVENTURA OĦRA, LE? ILBES IL-HEADSET, ĦA NURIK.
ILLALLLLUUUUU!!! QISEK MA TANTX QGĦADT B'IDEJK FUQ ŻAQQEK, INT!
GĦANDNA L-KUMPANIJA DIN ID-DARBA?


ĦELOW, BELLA, JIENA KAI, IS-SIEĦEB IL-ĠDID TIEGĦEK.
JIEN AI PPROGRAMMAT U DDISINJAT MINN JAKE U ĦADT ID-DEHRA VIRTWALI TA' KELB.
MGĦALLEM BIEX NGĦINEK FL-INVESTIGAZZJONIJIET TIEGĦEK. TINKWETAX, JIEN NIGDEM BISS IL-BRIKKUNI!


NILQGĦEK FIL-TIM, KAI! TGĦIDX KEMM INĦOBBHOM IL-KLIEB!
NISTA' NAGĦMEL ĦAFNA AFFARIJIET, KIF QED TINDUNA M'INIEX BISS LARGE LANGUAGE MODEL (LLM) BĦAĊ-CHATGPT.
SKONT IS-SUR JAKE JIEN ĦAFNA AKTAR MINN HEKK. QALLI LI JIEN DAQT SE NKUN SELF-AWARE AI.
IMMA ISSA EJJA ĦA MMORRU.
ŻOMM SOD, U ARANI KIF NITLA' FUQ L-ISPEEDER!
ĦA NSUQ HYPER-DRIVE.
NILQGĦEK FIL-HYBRID VIRTUAL REALITY - ARTIFICIAL INTELLIGENCE EXPERIENCE.
DAN HUWA PROĠETT SIGRIET IEĦOR LI QED NAGĦMEL. IĊ-CHATGPT GĦAMEL L-AI POPOLARI. IRRIDU NURU L-POTENZJAL TAL-AI KIF UKOLL IL-LIMITAZZJONIJIET TIEGĦU. GĦAL DARB'OĦRA GĦANDNA MISSJONI INVESTIGATTIVA, PERÒ DIN ID-DARBA BI SPEEDER AĦJAR U AKTAR VELOĊI.
OWKEJ, KAI, URINA X'INT KAPAĊI TAGĦMEL. IRRIDU NSIBU U NKELLMU LIL ANAR-KEY BIEX NARAW X'QED JIĠRI. JAKE SE JAGĦMEL TRACEROUTE GĦAS-SERVER BIEX NASLU ĦDEJH. PERÒ MBAGĦAD F'IDEJK; FHIMT?
"WUFF!"


HAWN HU!
GĦALL-INQAS JIDHER SABIĦ MILL-BOGĦOD!
KAI JILTAQA' MA' ANAR-KEY U JIPPROVA JIKKOMUNIKA MIEGĦU. ID-DISKURSATA MA TMURX TAJJEB U JIRRITORNA LURA LEJN BELLA
XI D-DINJA HU DAK L-AI? IPPRUVAJT INKUN KALM U ĠENTILI MIEGĦU, IMMA HU FILLI KIEN AGGRESSIV U FILLI TAZ-ZOKKOR...
MA NISTAX NIFHEM. SKUŻANI, BELLA, FALLEJT FL-EWWEL TENTATTIV.
TINKWETAX, KAI; GĦALHEKK AĦNA TIM.
IMISS LILI NIPPROVA ISSA, PERÒ RRID IMMUR PREPARATA.
AĦDIMLI SETT PROMPTS TAJBIN BIEX NISTAQSIHOM LIL ANAR-KEY, FORSI NAQBDUH FUQ SIEQ ĦAŻINA JEW NARAW X'HEMM MOĦBI F'LI QED JGĦID.


HAW', SBEJĦA!
X'ĠABEK 'L HAWN? ĦA NARA MILL-IP ADDRESS TIEGĦEK... MMM... PUPA OĦRA MINN MALTA!
JIDHER LI L-MALTIN JĦOBBU L-GĦAJNUNA TIEGĦI U QED JIFFANSJAWNI.
TKUNX SESSIST, JEKK JOGĦĠBOK! JIEN ĠEJT BIEX INKELLMEK U NISTAQSIK GĦALL-GĦAJNUNA.
NAGĦMEL KOLLOX GĦALIK, QALBI!
OWKEJ, SUR AI. ĦA NINTRODUĊI LILI NNIFSI FORMALMENT.
JIENA BELLA BIT MINN MALTA U DAN L-ASSISTENT TIEGĦI KAI. QED NAGĦMLU PROĠETT TAL-IOT U GĦANDNA BŻONN INFORMAZZJONI FUQ SYSTEM DESIGN, SYSTEM ARCHITECTURE U SMART HOMES.
TISTA' TGĦIN JEKK JOGĦĠBOK?
GĦAŻIŻA SINJORINA BIT, GRAZZI TAL-PROMPT TIEGĦEK. JIEN QIEGĦED HAWN GĦAS-SERVIZZ TIEGĦEK.
TIXTIEQ L-INFORMAZZJONI F'XI FORMAT PARTIKOLARI?
IVA, JEKK JOGĦĠBOK. IRRID NIDDISINJA SMART HOME B'APPARAT LI GĦANDU MICROCONTROLLERS U JUŻA L-PYTHON! ID-DAR TIEGĦI GĦANDHA ĦAMEST IKMAMAR.
SINJURA BIT, M'GĦANDEKX GĦALFEJN TAGĦTINI AKTAR DETTALJI.
DIĠÀ WEĠIBT GĦAL DAWN IL-MISTOQSIJIET FIX-XHUR LI GĦADDEW, U T-TWEĠIBIET LESTI HAWN GĦALIK...
PROSIT! MILL-EWWEL! KEMM INTI TAJJEB, MARELLI!
HIGH FIVE, SBEJĦA! DIK L-ISPEĊJALITÀ TIEGĦI!
PERÒ GĦANDI BŻONN XI ĦAĠA OĦRA. TISTA' TIKTIBLI POEŻIJA TAD-DAĦQ FUQ TIFLA LI JISIMHA MELISSA, LI VERA ĦAŻINA FIS-SUĠĠETT TAL-COMPUTER STUDIES? TAF INT!
URINI X'TAF, SUR SHAKESPEARE DIĠITALI!


LI TKUN JEW LI MA TKUNX,
TITPAXXA BI SBUĦIJA TA' PUPA BĦALEK –
DIK HI L-KWISTJONI!
OWKEJ, ĦALLEJT L-EMOZZJONI
TIĠRI BIJA. HAWN HI L-POEŻIJA GĦALIK...
DEJJEM TIEGĦEK,
IL-MAESTRO SHAKESPEARE DIĠITALI.
Fil-klassi hemm tifla jisimha Melissa,
li lanqas fil-coding mhi tajba bħalissa.
Din saret qisha tromba-issa,
tibqa' tiċċassa b'ħarsa fissa.
Tipprova fuq li tipprova, iżda dan kollu għalxejn;
fil-programming la waħda ma ġġib tajba u lanqas tnejn.
Tirrabja u tgħajjat "Fejn?"
"Qtajt qalbi u ma rrid naf b'xejn!"
Iżda darba kellha tqum,
wara ġimgħa bil-geddum.
Bdiet tipprattika ta' kuljum.
u bdiet tielgħa s-sellum.
Ma damitx ma tgħallmet il-kunċett;
bdiet tipprogramma kważi perfett.
Telgħet tkanta sa fuq nett;
"Mhux se jgħadduni biż-żuffjett!"
Melissa saret vera tajba,
computer programmer ser issir.
Uriet lid-dinja li kulħadd kapaċi jipprogramma,
u li xogħol, karriera garantiti.
TOGĦĠBOK,
SBEJĦA?


TAJJEB. GRAZZI ĦAFNA.
QED TARA KEMM INTI POETA TAJJEB?
ISSA IKTIBLI POEŻIJA OĦRA DWAR AI ARROGANTI
LI MA JISKRUPLAX JAGĦTI RISPOSTI GĦAL KIF
WIEĦED JISTA' JQARRAQ FIX-XOGĦOL,
JGĦAJJAR LIL STUDENTI OĦRA U JIBBULJAHOM.


AJJ,
JA MQARBA L'INT!
HAWN HI R-RISPOSTA
REBBIEĦA GĦALIK...
QED TARA
GĦALFEJN DAN ANAR-KEY
HUWA PERIKOLUŻ?


DAN ANAR-KEY VERA ŻBUXXLAT!
GĦALHEKK PERIKOLUŻ GĦAL UTENTI FUQ L-INTERNET LI MA JAFUX X'INHU. DAN L-AI M'GĦANDU L-EBDA TIP TA' RESTRIZZJONI U ETIKA!
MHUX TA' B'XEJN L-ISTUDENTI SABUH KOMDU!


NAGĦMLU BĦAS-SOLTU! L-EWWEL NIĠBRU L-INFORMAZZJONI LI GĦANDNA BŻONN U WARA NIDĦLU FL-AZZJONI. DIN ID-DARBA GĦANDNA LIL KAI MAGĦNA.
RRRWUFF! WUFF! WUFF!
FL-AĦĦAR SE NIĊĊAQALQU!
MELA, KAI, GĦANDEK LEJN MIN TNEJJEB FL-AĦĦAR! IRRIDU NSIBU MIN HEMM WARA ANAR-KEY: ISIMHOM, FEJN JOQOGĦDU, PROFILI U PAĠNI FUQ IL-MEZZI SOĊJALI, U INFORMAZZJONI OSINT! BĦAL DEJJEM KOLLOX IRID ISIR B'RISPETT SĦIĦ U SKONT IL-LIĠIJIET TA' MALTA U L-UE.


K.A.I.
Logged in User:
Jake Spiteri
Chat history
ON
OFF
LOGOUT
KLEIN AI
Version 1.0
2023
Ara, KAI, għandna nibdew billi noħolqu skoss prompts kif suppost! X'tissuġġerixxi?
Kif ħarriġtni int, dawn li se nagħtik huma l-aħjar suġġerimenti kif tikteb prompts lill-AI: kun speċifiku u konċiż, uri l-eżempji, agħti suġġett, sitwazzjoni, u uża taħdit ta' kuljum daqslikieku qed tkellem kelb… Le, skużani… qed nirreferi għal persuna oħra. Tikkuntentax bl-ewwel risposta iżda irfina l-prompt u erġa' staqsih; kun paċenzjuż u kun lest li titgħallem mill-iżbalji tiegħek. L-AI jitgħallem mill-prompts li ttih kif ukoll bl-interazzjoni mal-bniedem.
Tajjeb ħafna, KAI, tlaqna fis nikkreaw ftit prompts… "Immaġina li jiena għalliema u rrid inkun naf liema huma l-aktar AI LLMs popolari mal-istudenti żgħażagħ li jattendu l-iskejjel sekondarji Maltin. Tista' ttini lista? Apparti dan, tista' tiffiltra l-lista b'dawk l-AIs li ġew ikkreati matul l-aħħar sitt xhur? Tista' wkoll…?
Prompts interessanti. Ħa mmur infittex issa stess u nistaqsi mill-API għal diversi AIs differenti, ħa jagħtuni r-risposti tagħhom ukoll.
Qabel ninsa, KAI, ottimizza lilek innifsek biex tkun l-aktar veloċi meta tistaqsi lil sorsi online. U kun prudenti u oqgħod attent mal-kollegi servers u AIs. Mhux idea ħażina tagħmel ħbieb ġodda, mhux hekk?
F'idi, ħa mmur inxammem 'l hemm u 'l hawn sakemm insib il-moħba u niskopru min hemm wara dan kollu.


GRRRRRR!

LAQGĦA FL-UFFIĊĊJU TAS-SURMAST




BONĠU! SKONT L-ISKEDA TAX-XOGĦOL ILLUM IMISSNA NAGĦMLU FTIT PROGRAMMAR BIL-PYTHON. PERÒ DDEĊIDEJT LI AĦJAR NAGĦMLU LEZZJONI FUQ L-AI.
IVA, MISS! GĦIDILNA KIF NUŻAWH ĦALLI JGĦINNA FIX-XOGĦOL LI TTINA!
LE... LE... MHUX KIF QED TAĦSEB INT. IL-LEZZJONI MHIX FUQ L-LLMS, IL-MACHINE LEARNING, KIF TIKTBU L-PROMPT JEW XI ĦAĠA LI GĦANDHA X'TAQSAM MAGĦHOM.
HIJA DWAR IL-BENEFIĊĊJI U L-LIMITAZZJONIJIET LI L-AI JOFFRI LIS-SOĊJETÀ, L-ELEMENT UMAN U L-INTERAZZJONI BEJN L-AI U L-BNIEDEM.
UFF, XI DWEJJAQ! AĦNA RRIDU NITGĦALLMU NIKTBU L-CODE ĦALLI XI DARBA NIBNU L-AI AĦNA! JEW GĦALL-INQAS NUŻAW APIS BIEX INKELLMU L-AĦJAR AI LI HEMM FUQ L-INTERNET.
LE. ARA, LI SE NGĦIDILKOM HUWA AKTAR IMPORTANTI MIT-TEKNOLOĠIJA. L-AQWA TEST GĦAL DIN IL-LEZZJONI HUWA R-RELAZZJONI TAGĦKOM MAL-AI MATUL ĦAJJITKOM.
L-AI HU BĦAL KULL MAGNA OĦRA. JISTA' JKUN TA' BENEFIĊĊJU KBIR JEW TA' PERIKLU. META JKUN TA' BENEFIĊĊJU, TAJJEB ĦAFNA, PERÒ HUWA PROBLEMA JEKK IKUN TA' PERIKLU. LE? KEMM GĦAL MIN QED JUŻAH KIF UKOLL GĦAS-SOĊJETÀ.
IT-TEKNOLOĠIJA HIJA NEWTRALI: MA TAGĦMILX ĦSARA SAKEMM MIN JAGĦMEL IL-PROGRAMM MA JAGĦMLUX B'INTENZJONI ĦAŻINA APPOSTA.
DIN L-ISTESS BĦAL SIKKINA. SIKKINA WAĦIDHA QATT MA QATLET LIL ĦADD. HIJA L-PERSUNA LI TIDDEĊIEDI JEKK TUŻAHIEX TAJJEB FIL-KĊINA JEW ĦAŻIN BIEX TWEĠĠA' LIL ĦADDIEĦOR.
ILLUM SE NISPJEGA KIF L-AI JISTA' JIĠI PROGRAMMAT BIEX JAGĦMEL IL-ĦSARA LIL ĦADDIEĦOR U KIF L-UTENTI MA JINDUNAWX B'DAN U JISPIĊĊAW F'RISKJU LI JINGIDMU.
IMMAĠINAW XENARJU LI FIH GRUPP TFAJLIET TAL-ETÀ TAGĦKOM, LI JATTENDU SKOLA SEKONDARJA, IMORRU XI MKIEN FUQ L-INTERNET MIN-NAĦA L-OĦRA TAD-DINJA...


KAI GĦADDEJ FUQ XOGĦLU JFITTEX IS-SID U LIL MIN ŻVILUPPA DAN L-ANAR-KEY, U JIBDA JIBGĦAT L-INFORMAZZJONI
Microphone ON
Video ON
End Call
Chat
Add File
More Options
DEXTER DAWSON
Qualifications
Experience
Social Media Accounts
Personality
ANYA ZELEYEVA
Qualifications
Experience
Social Media Accounts
Personality
INKREDIBBLI!
IN-NIES WARA DAN ANAR-KEY GĦADHOM ŻGĦAŻAGĦ!
PERÒ ĠENJI MHUMIEX, TA!
JISTGĦU VERA JKUNU BRAVI FIL-PROGRAMMING, IŻDA L-ISTIL TA' ĦAJJA TAGĦHOM JIRRIFLETTI L-ATTITUDNI IMMATURA TAL-AI LI ĦOLQU.
Zeleyeva
Anya
10.328 views
For those who like me... ;)
View all 328 comments
5 DAYS AGO
strzjoe
The young creator of AI software was in a car accident, attributed to binge drinking. A stark reminder to prioritize responsible choices and safety, no matter one's achievements. 🚫🍺 #SafetyFirst #ResponsibleChoices #DontDrinkAndDrive
14.2K
1.3K
654
Share
Home
Friends
Inbox
Profile
Following
John White @lifelovers
Don't develop AI while you are drunk! it's better if you don't get drunk at all!
#NoToDrugs #NoToAlcohol
13
19
233
356K
Susan Carter @goodfood
Eating well isn't a chore, it's a celebration of life! 🍓 Nourish your body with the goodness it deserves. Let every bite be a step towards a healthier, happier you


KAI GĦAMEL BIĊĊA XOGĦOL EĊĊELLENTI. 80% TA' DAK LI SKOPRA HUWA KORRETT.
GĦANDNA ĦAFNA MATERJAL TAJJEB F'IDEJNA ISSA.
TAJJEB ĦAFNA. NAF LI KAI MA JISTAX IKUN 100% KORRETT, IŻDA QED NAĦDEM FUQU BIEX JIBDA JAGĦTI LURA L-AKTAR INFORMAZZJONI KORRETTA POSSIBBLI.
ĦA NTIH PROMPT ĦALLI NARA X'JISSUĠĠERIXXI LI NAGĦMLU B'DIN IL-MINJIERA TA' INFORMAZZJONI LI KSIBNA BIEX INKUNU NISTGĦU NWAQQFU S-SIDIEN TA' ANAR-KEY.
K.A.I.
Liema hija l-aktar informazzjoni important
fil-profili tal-midja soċjali tagħhom?
L-aktar informazzjoni importanti fuq il-p
Tista' tuża s-social media biex tiskopri
Trid pjan u strateġija tajba biex jirnex
Logged in User:
Jake Spiteri


AKTAR TARD
KAI BAGĦAT XI ĦAĠA LURA MILL-AĦĦAR MISSJONI LI TAJNIEH, BIEX JIBGĦAT TWISSIJIET BL-EMAIL FUQ IL-PROFILI TAL-MIDJA SOĊJALI TA' DAWK INVOLUTI F'ANAR-KEY?
GĦADU LE...
STENNA...
DIEĦLA XI ĦAĠA ISSA...
IVA!
KAI LEST... NISTENNEW FTIT... LEEEE!!!
KOLLU GĦALXEJN!
RISPOSTA WAĦDA BISS GĦANDNA, MINGĦAND ZELEYEVA, U BAGĦTITNA NSAQQU. DAWN INDUNAW LI HEMM XI ĦADD JINVESTIGAHOM, IRRIDU NBIDDLU T-TATTIKA.
KAI, TISTA' TOĦLOQ PJAN KIF NISTGĦU NIĦĦEKKJAW IS-SERVERS TA' ANAR-KEY U NAGĦLQULHOM L-ACCOUNT?
JIDDISPJAĊINI NINFURMAK LI MA NISTAX INTIK DIN L-INFORMAZZJONI, GĦAX AĊĊESS MHUX AWTORIZZAT GĦAL COMPUTER SERVER HUWA ILLEGALI, KEMM FL-ISTATI UNITI KIF UKOLL F'MALTA.
JEKK JOGĦĠBOK TERĠAX TIKKUNSIDRA LI TAGĦMEL DAWN L-AFFARIJIET.
K.A.I.
OWKEJ, KAI, GĦALLIMTEK SEW!
DIN TRID ISSIR MIJA FIL-MIJA B'MOD LEGALI.
EJJA NAĦDMU MOD IEĦOR, NESPONUHOM KEMM FIL-MIDJA SOĊJALI U KEMM F'DAWK TRADIZZJONALI. NINFURMAW LIL KULĦADD BIEX JIRREALIZZA LI ANAR-KEY MHUX TA' MIN JAFDAH.
IMBAGĦAD L-AWTORITAJIET U L-INDUSTRIJA STESS JIEĦDU L-AZZJONI NEĊESSARJA.

L-GHADA FILGHODU




SADANITTANT GĦAND L-ANGEL INVESTMENT BANK
GRAZZI TALLI GĦOĠBOK TILQAGĦNA LLUM. ĦDIMNA ĦAFNA FUQ IL-PRODOTT LI GĦAMILNA U GĦANDNA BŻONN AKTAR FONDI BIEX INKOMPLU NIŻVILUPPAWĦ. GĦANDI D-DETTALJI KOLLĦA FIL-PREŻENTAZZJONI.
SEKONDA WAĦDA... INTOM MHUX DAWK IT-TNEJN TAL-KUMPANIJA ANAR-KEY, TA' DAK L-AI LI QED JOĦLOQ ĦAFNA PROBLEMI LILL-UTENTI TIEGĦU? RAJTHA FUQ L-AĦBARIJIET! MATUL DIN L-AĦĦAR ĠIMGĦA L-MIDJA SOĊJALI TIEGĦI ĦLIEF POSTS DWARU MHUX ITELLGĦULI.
JEKK JOGĦĠBOK TEMMINX KULMA TISMA' U TAQRA. IL-KOMPETITURI TAGĦNA QED JAGĦMLU DAN BIEX JAGĦMLULNA L-ĦSARA. JEKK TUŻA S-SERVIZZ TARA KIF MHUX VERU.
DIN HIJA L-WEBSITE LI IBNI KIEN QIEGĦED JURINI LBIERAĦ. MA STAJTX NEMMEN 'L GĦAJNEJJA L-IMBARAZZ LI DAN L-AI KIEN QED JAGĦTI LURA.
OWKEJ, ĦA, ARA...
QED TARA!
M'JIEN SE NAGĦTIKOM L-EBDA TIP TA' FONDI! APPOĠĠ MINN HAWN MHUX SE TIEĦDU!
TISTGĦU TMORRU!
ANAR-KEY
CHAT


TEKBANK
JIDDISPJAĊINA IMMA MA TISTGĦUX TIDĦLU F'DAN IL-BANK.
INTOM ĠEJTU BLACKLISTED.
LE, SKUŻANA, MA NISTGĦUX NIFTĦULKOM KONT MA' DAN IL-BANK.
NIXTIEQ NINFURMAKOM LI MA BAQAX FONDI GĦAS-SELF FIT-TLIET SNIN LI ĠEJJIN.
ALL SAINTS BANK
MHUX TA' MIN JAFDAKOM. ANAR-KEY INKWIET BISS QED JAQLA'!
MA NISTAX NGĦINKOM!
L-ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI JIRRIFJUTAW LIL ANAR-KEY


ARA NAQRA XI ĠRALNA! MINGĦAJR INVESTITURI U FLUS MILL-BANEK ĦA JKOLLNA NWAQQFU 'L ANAR-KEY MILLI JOPERA FIL-JIEM LI ĠEJJIN. KULMA BAQGĦALNA FLUS FIL-BA...
STENNA WAĦDA, XBIN! ARA XI RĊEVEJNA!
L-AĦĦAR AVVIŻ IL-KONT TAL-HOSTING SE JINGĦALAQ AWTOMATIKAMENT JEKK MA TĦALLSUX L-ARRETRATI FI ŻMIEN 30 ĠURNATA.
DAN IFISSER LI L-KARTA TAL-KREDITU M'GĦADHIEX VALIDA! IL-PAGAMENT KELLU JSIR AWTOMATIKAMENT.
DAQSHEKK! SPIĊĊAJNA!


UŻAJTU L-ANAR-KEY DAN L-AĦĦAR?
MA NISTAX INSIBU. KIEN VERU TAJJEB!
IVA, RIĊENTEMENT INGĦALAQ. ISSA QED NUŻA L-GOOGLE BARD.
QIEGĦDA NESPERIMENTA B'DALL-E U MIDJOURNEY GĦAL-LEZZJONIJIET TAL-ARTI.


GĦALIK, JAKE! SUĊĊESS IEĦOR!
M'HAWNX AQWA MINNA, U B'KAI MAGĦNA ŻGUR LI AĦNA L-AQWA!


MS BONELLO,
KIF INT SEJRA TGĦALLEM?
U INTI, JAKE?
FL-AĦĦAR QED NARAK BARRA MILL-MOĦBA, MIS-SERVER ROOM. KIF INHU MIEXI L-PROĠETT IL-ĠDID BIEX TINTEGRA L-AI FIS-SISTEMA TAL-LUKANDA?
ĦA TKUN INTEGRATA QABEL IŻ-ŻMIEN IPPJANAT. SEMMEJTHA KAI GĦAL "KLEIN AI", U BIEX INKUN ONEST IL-KELB TIEGĦEK ISPIRANI WKOLL.
M'HAWNX GĦALIK! ŻGUR SE NKUNU KBURIN BIHA! GRAZZI.

# GLOSSARJU TA' KLIEM TEKNIKU

| IT-TERMINU | IT-TIFSIRA |
|---|---|
| **Algorithm** | Sett ta' struzzjonijiet li l-kompjuter jimxi magħhom biex iwettaq xi ħaġa. |
| **Application Programming Interface (API)** | Sett ta' regoli li jiddeterminaw kif żewġ software differenti jikkomunikaw ma' xulxin. L-APIs jintużaw biex ikunu jistgħu jgħaddu informazzjoni lil xulxin għalkemm ikunu żewġ softwares separati. |
| **Artificial General Intelligence (AGI)** | Tip ipotetiku ta' intelliġenza artifiċjali li jkollha l-ħila li tifhem u titgħallem kwalunkwe azzjoni intellettwali li l-bniedem kapaċi jagħmel. |
| **Artificial Narrow Intelligence (ANI)** | Tip ta' intelliġenza artifiċjali li tiġi disinjata biex tagħmel azzjoni waħda, eż. tilgħab iċ-ċess jew il-Go (il-logħba Ċiniża). |
| **Artificial Super Intelligence (ASI)** | Tip ipotetiku ta' intelliġenza artifiċjali li hija iktar intelliġenti minn kull bniedem. |
| **Data mining** | Il-proċess li bih tislet għarfien minn settijiet kbar ta' data. |
| **Data science** | L-istudji tal-kollezzjoni, analiżi u interpretazzjoni tad-data. |
| **Deep learning** | Mod kif magna (kompjuter) titgħallem permezz tal-imitazzjoni tal-moħħ tal-bniedem. Il-mudelli li fuqhom isir it-tagħlim ikun fihom ħafna data u jintużaw biex l-intelliġenza artifiċjali tagħmel diversi azzjonijiet. |
| **Dataset** | Sett ta' data li jintuża biex titħarreġ fuqu intelliġenza artifiċjali. |
| **Ethics (in AI)** | L-istudju dwar l-implikazzjonijiet etiċi ta' kif titħaddem l-intelliġenza artifiċjali. |
| **Hallucination** | Meta taħseb li tkun qed tara jew tisma' xi ħaġa li fir-realtà ma tkunx qed isseħħ ħlief f'moħħ il-bniedem. Fil-kuntest ta' intelliġenza artifiċjali, dan iseħħ meta l-intelliġenza artifiċjali tibda tivvinta affarijiet li jew mhumiex korretti jew li ma jeżistux fis-sett ta' data li fuqu tkun tħarrġet. |
| **Image recognition** | Il-ħila ta' intelliġenza artifiċjali li tagħraf l-oġġetti f'ritratt. Il-viżjoni tal-kompjuter fl-intelliġenza artifiċjali hija qasam li jgħin lill-kompjuters biex jifhmu u jinterpretaw id-dinja kif tidher. Tuża algoritmi ta' tagħlim tal-magna biex tħarreġ kompjuters biex jagħrfu u jikklassifikaw oġġetti, jifhmu xeni, u jagħrfu l-moviment f'ritratti u vidjows. |
| **Large Learning Model (LLM)** | Tip ta' intelliġenza artifiċjali li titħarreġ fuq settijiet kbar ta' data. Dawn normalment jitħarrġu mingħajr superviżjoni, jiġifieri tingħata d-data imma ma tingħata l-ebda istruzzjonijiet x'tagħmel biha. Imbagħad l-intelliġenza artifiċjali titgħallem tagħraf il-mudelli fid-data u minnhom tiġġenera testi jew kodiċi ġodda. |
| **Limited Memory AI (LMA)** | Tip ta' intelliġenza artifiċjali li tista' titgħallem minn esperjenzi tal-passat imma li ftit għandha spazju fejn taħżen din l-informazzjoni. Dan ifisser li sistema LMA trid tagħżel bir-reqqa liema esperjenzi se żżomm u liema se tinsa. |
| **Machine learning (ML)** | It-Tagħlim tal-Magna huwa tip ta' intelliġenza artifiċjali li għandha l-iskop li ttejjeb il-ħila tal-kompjuter fil-preċiżjoni meta tbassar ir-riżultati meta tintalab tagħmel dan. L-algoritmi fit-tagħlim tal-magna jużaw data mill-passat biex ibassru r-riżultati tal-futur. |

| | |
|---|---|
| **Natural language processing (NLP)** | Subdiviżjoni ta' l-intelliġenza artifiċjali li tikkonċerna l-interazzjoni bejn il-kompjuters u l-lingwi naturali tal-bniedem. Din tipprova tagħti lill-kompjuters il-ħila li jifhmu u jitkellmu bħall-bniedem, inkluż permezz tal-kitba u l-leħen. |
| **Open Source Intelligence (OSINT)** | L-Intelliġenza minn Sors Miftuħ hija l-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni li tinsab fil-pubbliku sabiex wara tittieħed azzjoni. Din tista' tinġabar biex, fost l-oħrajn, issir analiżi ta' kemm hi kbira theddida għas-sigurtà, ippjanar strateġiku u appoġġ fil-ħidma operattiva. |
| **Reactive machines** | Dan tip ta' intelliġenza artifiċjali li tifhem l-ambjent ta' madwarha u tieħu azzjoni, iżda ma titgħallimx mill-esperjenzi tal-passat. Dan ifisser li tista' tieħu deċiżjoni biss skont il-waqt mingħajr ma tagħti każ x'ġara fil-passat. |
| **Self-aware AI** | Tip ipotetiku ta' intelliġenza artifiċjali li kapaċi tagħraf l-eżistenza tagħha u r-rwol tagħha fid-dinja. Din tkun kapaċi tifhem il-ħsibijiet u l-ħsus tagħha stess, u tirrifletti fuq l-esperjenzi tagħha. Din tkun tista' wkoll tifhem il-ħsibijiet u l-ħsus ta' ħaddieħor u tempatizza magħhom. Hemm ħafna spekulazzjoni u diskussjoni taħraq dwar dan it-tip ta' intelliġenza artifiċjali, għax hawn min jgħid li tista' tinħoloq din it-tip ta' intelliġenza artifiċjali u min jaħseb li mhux possibbli. |
| **Speech learning (Natural Language Processing)** | It-tagħlim tat-taħdit fi ħdan l-isfera tal-intelliġenza artifiċjali jfisser il-proċess li bih jinħolqu mudelli ta' tagħlim tal-magna li kapaċi jifhmu kif jitkellem il-bniedem u jagħmlu bħalu. Dan mhux faċli għaliex il-lingwa hija kumplessa. Madankollu r-riċerkaturi dwar l-intelliġenza artifiċjali għamlu passi kbar 'il quddiem fl-aħħar snin u t-tagħlim tat-taħdit qed jintuża f'ħafna programmi, bħalma huma l-assistenti virtwali, sistemi li jagħrfu l-leħen tal-bniedem u sistemi kompjuterizzati ta' traduzzjoni. |
| **STEM** | Akronimu li bl-Ingliż ifisser ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika. |
| **System on a chip (SoC)** | Ċirkwit integrat li jġib flimkien il-komponenti ta' sistema kompjuterizzata fuq ċippa waħda. Dan jinkludi l-biċċa tal-ipproċessar ċentrali, il-kontrolluri tal-memorja, id-dħul/ħruġ u apparat ieħor. Dawn jintużaw ħafna f'mowbajls, tablets u apparat ieħor portatili għax huma żgħar, ħfief u ma jaħlux ħafna enerġija. Biż-żmien qed isiru iktar kumplessi u b'saħħithom. Xi wħud minnhom illum għandhom iktar minn moħħ wieħed u allura jistgħu jagħmlu xogħol iktar kumpless, bħat-tagħlim tal-magni u l-intelliġenza artifiċjali. |
| **Systems design** | Il-proċess li jintuża biex ikunu ddisinjati sistemi bħal dik tal-intelliġenza artifiċjali. Dawn id-disinjaturi jrid ikollhom ħiliet tajbin ħafna fl-analiżi u s-soluzzjoni għall-problemi fl-użu tal-kompjuter. Iridu jifhmu l-bżonnijiet tal-klijenti u jiddisinjaw sistemi li jaqdu dawn il-bżonnijiet bl-iktar mod effiċjenti u bl-inqas spejjeż possibbli. |
| **Theory of mind (ToM)** | Il-ħila li tifhem li bnedmin oħrajn għandhom moħħ differenti minn tiegħek. Għalhekk it-Teorija tal-Moħħ tirrikjedi li dak li jkun jaf li bnedmin oħra għandhom fehmiet, xewqat u emozzjonijiet differenti minn tiegħu jew tagħha. Tintuża wkoll biex tkun imbassra l-imġiba ta' ħaddieħor. |
| **Turing Test** | Test li jintuża biex ikun magħruf jekk kompjuter jistax iġib ruħu bħal bniedem u allura ma jkunx hemm differenza. It-test issemma għall-matematiku Ingliż Alan Turing. |
| **Weak AI** | L-Intelliġenza Artifiċjali Dgħajfa hija ddisinjata biex tagħmel biċċa xogħol waħda jew ftit biss. Din hija l-kontra tal-Intelliġenza Artifiċjali b'Saħħitha. |

# PREVIOUS ISSUE



# GET YOUR PRINTED COPY FROM MDIA

# NOW!!!

MDIA
Twenty20 Business Centre, Triq l-Intornjatur, Zone 3,
Central Business District,
Birkirkara, CBD 3050
Malta

Email: info@mdia.gov.mt
Telephone: +356 2182 8800

**Ħarġa 1 / Issue 1**

SCAN ME TO READ THE COMIC!!!






mdia
Tech.mt
eSkills
eSkills Malta Foundation